*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,119, 25 ta' April, 1989*
*Taqsima C*

# Nru. 75

25. 4. 89

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Gwido de Marco, M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta ta' l-10 ta' April, 1989.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1981 dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Gwido de Marco, M.P., Deputy Prime Minister and Minister of the Interior and Justice, and read the First time at the Sitting of the 10th April, 1989.

**AN ACT to amend the Commissioners for Justice Act, 1981.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1981 dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1981 dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor.

**2.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikoli (4) sa (14) tiegħu għandhom jiġu rispettivament enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5) sa (15); u

(b) wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta persuna jkollha l-*warrant* ta' Avukat jew ta' Prokuratur Legali dik il-persuna tista' tinħatar Kummissarju wkoll jekk ma tkunx għalqet l-età ta' erbgħin sena u terġa' tkun eliġibbli għal ħatra mill-ġdid fi tmiem iż-żmien tal-ħatra tagħha.".

**3.** Minflok il-partita 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

"7. Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni
Artikolu 42(1)(b).".

Dispożizzjoni tranżitorja.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali għandhom ikomplu japplikaw għal kull reat magħmul taħt l-artikolu 19 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa sabiex jagħmel provvedimenti ġodda dwar l-eliġibiltà ta' ħatra bħala Kummissarji għall-Ġustizzja ta' membri tal-professjoni legali u sabiex jemenda l-Att prinċipali wara l-pubblikazzjoni ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, u t-tħassir ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.

## A BILL

### entitled

*AN ACT to amend the Commissioners for Justice Act, 1981.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Commissioners for Justice (Amendment) Act, 1989, and shall be read and construed as one with the Commissioners for Justice Act, 1981, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

**2.** Section 4 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of section 4 of the principal Act.

(a) subsections (4) to (14) thereof shall be respectively numbered subsections (5) to (15); and

(b) after subsection (3) thereof there shall be added the following new subsection:

"(4) Notwithstanding the provisions of the foregoing subsections of this section, where a person holds the warrant of Advocate or of Legal Procurator such person may be appointed Commissioner even if he has not completed forty years of age and shall be re-eligible for re-appointment on the expiration of the term of his appointment.".

**3.** For item 7 of the Schedule to the principal Act there shall be substituted the following: Amendment of the Schedule of the principal Act.

"7. Education Act. 1988
Section 42(1)(b).".

Transitory provision.

**4.** Notwithstanding the provisions of section 3 of this Act, the provisions of the principal Act shall continue to apply to any offence under section 19 of the Education Act, 1974 committed before the coming into force of this Act.

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to make new provisions regarding eligibility of appointment as Commissioners for Justice for members of the legal profession and to amend the principal Act consequential to the enactment of the Education Act, 1988, and the repeal of the Education Act, 1974.